**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum L-Erbgha, 24 ta' Ottubru, 2018**

Numru 21

**Appell Nru. 9/2018**

**Chantelle Mifsud & City Pro Ltd.**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Suzanne Mifsud bhala co-direttrici tas-socjeta City Pro Limited tal-15 ta' Marzu 2018 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-1 ta' Marzu 2018 fejn cahad l-eccezzjoni preliminari tal-appellanti u ordnat il-prosegwiment tal-appell;

Rat ir-risposta tal-appellata Chantelle Mifsud li issottomettiet illi li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li ma ghandhiex tbati spejjez ta' dawn il-proceduri;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

> Din hija decizjoni preliminari fir-rigward tal-eccezzjoni mqajjma fis-seduta' tat-22 ta' Gunju 2017 ossia illi Suzanne Mifsud, co-direttrici ta' City Pro Ltd., iddikjarat li ma kienitx tat kunsens sabiex Chantelle Mifsud tidher bhala applikanta u konsegwentement bhala appellanti.
>
> Din il-kwistjoni preliminari giet diskussa verbalment mill-partijiet u l-konsulenti legali taghhom. Gew esibiti il-Memorandum & Articles tas-socjeta' City Pro u l-partijiet spjegaw l-posizzjonijiet rispettivi taghhom. Ghalhekk si tratt finalment ta' drittijiet li kellha jew setghet kellha Chantelle Mifsud sabiex tippresenta l-applikazzjoni in mertu ghal Citypro Ltd.
>
> Billi si tratta ta' drittijiet naxxenti minn ishma fi socjeta', fl-ahhar mill-ahhar si tratta ghalhekk ta' sitwazzjoni ta' ownership ta' dawn l-ishma u dak li jista jsir mill-azzjonisti ta' din is-socjeta'.
>
> Fil-kaz odjern ghalhekk ghanda sitwazzjoni partikolari fejn qed jigi obbjettat li l-applikanti (Chantelle Mifsud) ma kellha ebda dritt li taghmel l-applikazzjoni f'isem Citypro Ltd. Is-sid f'dan il-kuntest huwa ghalhekk Citypro Ltd.
>
> Il-kwistjoni ta' bejn il-partijiet hija wahda li tipprospetta li dan it-Tribunal:
>
> Jezamina konvenju datat 27 ta' Ottubru 2010;
>
> Jezamina skrittura privata ta' kera datata 4 ta' Awissu 2016 u kawza li qed tattakka din l-iskrittura;
>
> Jezamina l-Memorandum & Articles tas-socjeta' Citypro Limited;
>
> Jezimina l-pendenza ta' separazzjoni bejn Suzanne Mifsud u Edgar Mifsud;
>
> Jezamina kawza fejn hemm mitlub il-winding up tas-socjeta' in mertu;
>
> Dawn huma fatti u ligi li jmorru ferm lil hinn mill-mansjonijiet ta' dan it-Tribunal.
>
> Huma fatti u ligi li ghandhom jigu diskussi fi fora ohra u infatti hemm, kif inghad, kawzi pendenti in rigward.
>
> L-eccezzjoni preliminari ma jistax ghalhekk jigi deciz minn dan it-Tribunal billi huwa ferm lil hinn mill-kompetenza tieghu li jezamina strettament applikazzjoni ta' policies ta' ppjanar.

> Ghalhekk it-Tribunal jichad l-eccezzjoni preliminari u jordna li l-Appell jitkompla fuq il-mertu, b'dan illi l-appell qed jigi deferit ghal kontinwazzjoni fit-8 ta' Marzu 2018 fil-hin tat-3:00 pm.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellant hu wiehed semplici cioe illi t-Tribunal kellu jqis il-locus standi ta' Chantelle Mifsud biex tipprezenta appell f'isem is-socjeta City Pro Limited mentri t-Tribunal qies li din ma kinitx kwistjoni li taqa fil-kompetenza tieghu billi kien jehtieg li jigu ezaminati diversi dokumenti fosthom skrittura ta' kera, memorandum and articles tal-kumpanija, pendenzi ta' separazzjoni bejn Suzanne u Edgar Mifsud u kawza ta' winding up tas-socjeta mertu tal-vertenza.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal. Il-kwistjoni quddiem it-Tribunal ma kinitx xi vertenza ta' dritt civili bejn il-partijiet li fuqu hemm kontestazzjoni u fejn din il-Qorti gia esprimit ruhha l-limiti safejn ghandu jindahal it-Tribunal billi l-obbligu principali tieghu hi li jqis il-ligiijiet tal-ippjanar fl-isfond tal-applikazzjoni minghajr pregudizzju ghad-drittijiet ta' terzi. Il-kwistjoni quddiem it-Tribunal kienet invece tolqot id-dritt tal-appellant li jadixxi lit-Tribunal. Kif qal l-istess Tribunal, il-kwistjoni kienet jekk Chantelle Mifsud (li hi bint Suzanne u Edgar Mifsud) kellhiex il-poter taghmel applikazzjoni f'isem City Pro Limited li skont l-istess Tribunal hi s-sid fejn qed jintalab l-izvilupp. Aktar minn hekk pero, din il-Qorti izzid li t-Tribunal kellu jara jekk Chantelle Mifsud kellhiex l-awtorita li tressaq appell minn decizjoni tal-Awtorita.

Din fil-fehma tal-Qorti mhix kwistjoni civili ta' drittijiet bejn il-partijiet izda mansjoni fdata f'idejn l-Awtorita u/jew it-Tribunal li jqis jekk parti kellhiex id-dritt tadixxi u tapplika f'isem terz, f'dan il-kaz socjeta registrata. Kwistjoni simili tpoggi lit-Tribunal munit ukoll b'avukat bhala chairman li jqis dak li jghid il-memorandum and articles tal-kumpanija u jara minn kellu l-poter jagixxi f'isem il-kumpanija. Altrimenti kull persuna bla dritt jew interess jista' japplika jew jappella minn decizjoni. Dan mhux l-iskop tal-ligijiet tal-ippjanar tant li hemm dispozizzjonijiet ad hoc dwar talbiet li jsiru minn persuni li mhux il-persuni li l-ligi taghti dritt dirett li issir applikazzjoni. Il-Qorti mhix tghid li l-Awtorita jew it-Tribunal ghandu jinvestiga kull applikant izda meta parti

iggib f'dubju bhal dan il-kaz id-dritt ta' persuna li tappella f'isem il-proprjetarju meta qed jigi allegat li dan id-dritt ma jezistix, allura hu l-kompitu tat-Tribunal li jezercita l-poter tieghu li jikkunsidra u jiddeciedi fuq dak li jidher prima facie mill-atti minghajr ma jidhol fid-diversi polemici civili jew kummercjali li jista' jkun hemm bejn il-partijiet fuq kwistjonijiet ohra mhux direttament relatati mal-oggezzjoni fiha nfisha.

Harsa lejn l-atti juru illi d-decizjoni tal-Awtorita inghatat mill-Awtorita b'referenza ghall-applikazzjoni PA 658/16 fil-konfront ta' Chantelle Mifsud f'isem City Pro Limited, filwaqt li r-rikors tal-appell quddiem it-Tribunal jinghad illi l-Awtorita fl-ewwel udjenza talbet li l-applikant ikun City Pro Limited billi hi s-sid tal-fond u Chantelle Mifsud hi biss l-inkwilin. Ghalhekk it-Tribunal kellu jqis dawn ic-cirkostanzi kollha ta' fatt u jqis jekk l-oppozizzjoni li saret ghall-prezentata tal-appell min Chantelle Mifsud u City Pro Limited kinitx regolari o meno fl-isfond tal-oggezzjoni u inkartament disponibbli.

Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' l-appell pero ma tqis li ghandha tiddeciedi l-kwistjoni hi ghalkemm hu punt ta' ligi li din il-Qorti tista' tiddeciedi dwarha u dan sabiex ma jixxejjinx mid-dritt tad-doppio ezami li taghti l-ligi.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' Suzanne Mifsud u tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-1 ta' Marzu 2018, u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal biex jerga' jqis mill-gdid l-aggravju mressaq fid-dawl ta' din is-sentenza. Spejjez ghall-appellati in solidum.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur